# Il-pensjoni taż-żewġ

MIL-LUM se nibda niffoka fuq id-diversi benefiċċji li jeżistu taħt l-iskema kontributorja. Matul dawn l-aħħar ġimgħat ittrattajt diversi temi relatati mal-ksib tad-dritt għal dawn il-benefiċċji. Tkellimt dwar il-kontribuzzjonijiet, dwar il-kundizzjonijiet kontributorji, dwar il-kontribuzzjonijiet akkreditati u meta dawn jistgħu jingħataw, u dwar l-eżenzjonijiet mill-ħlas tal-kontribuzzjoni. Dawn kollha jaffettwaw direttament id-dritt għall-benefiċċji kontributorji.

Illum se nibda nitkellem dwar il-Pensjoni taż-Żewġ Terzi, li kif kont spjegajt ftit tal-ġimgħat ilu, kienet iddaħħlet fl-1979. Bla dubju, hu importanti ħafna li wieħed ikun informat dwar din il-pensjoni u kif tinħadem għax b'hekk, meta wieħed jiġi għall-pensjoni u japplika għaliha, ma jieħux sorpriżi.

## Erba' fatturi importanti

Il-Pensjoni taż-Żewġ Terzi tiddependi fuq erba' fatturi importanti – (i) il-kundizzjonijiet statutorji, (ii) it-test tal-kontribuzzjonijiet, (iii) id-dħul pensjonabbli, u (iv) jekk hix titħallas pensjoni tas-servizz. Dawn il-fatturi jiddeterminaw mhux biss jekk persuna jkollhiex dritt għal pensjoni taż-żewġ terzi imma wkoll jiddeterminaw ir-rata tal-pensjoni li finalment titħallas.

Illum se naraw l-ewwel żewġ fatturi li huma l-kundizzjonijiet statutorji u t-test tal-kontribuzzjonijiet. Fid-drabi li ġejjin, nitkellem dwar iż-żewġ fatturi l-oħrajn.

## Il-kundizzjonijiet statutorji

Hemm ħames kundizzjonijiet statutorji li jridu jiġu sodisfatti kollha biex wieħed ikollu dritt għall-Pensjoni taż-Żewġ Terzi. Uħud minnhom huma pjuttost ovvji iżda oħrajn mhux daqstant. Dawn huma:

a. L-applikant ħallas mill-anqas 156 kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali (3 snin)?
b. Laħaq l-età tal-pensjoni?
c. L-età tal-pensjoni laħaqha wara l-21 ta' Jannar, 1979?
d. Ħadem għal mill-anqas għaxar snin?
e. Ħallas jew għandu kontribuzzjonijiet akkreditati wara l-21 ta' Jannar, 1979?

Kif wieħed jista' jara, l-ewwel, ir-raba' u l-ħames kundizzjonijiet m'humiex daqstant ovvji u huwa importanti li dawn, flimkien maż-żewġ kundizzjonijiet l-oħrajn, ikunu sodisfatti biex wieħed ikollu d-dritt li jirċievi l-Pensjoni taż-Żewġ Terzi.

Iżda dan id-dritt m'huwiex awtomatiku, anke jekk il-kundizzjonijiet statutorji ikunu sodisfatti kollha.

Dan għax id-dritt jiddependi wkoll fuq it-test tal-kontribuzzjonijiet u l-medja tal-kontribuzzjonijiet li dan it-test jistabbilixxi.

## It-test tal-kontribuzzjonijiet

Diġà spjegajt fl-aħħar artiklu tiegħi li t-test tal-kontribuzzjonijiet huwa l-mekkaniżmu li jintuża biex tkun ikkalkolata l-medja tal-kontribuzzjonijiet imħallsin u/jew akkreditati biex ikun stabbilit jekk il-medja imsemmija hix daqs jew aktar mill-minimu meħtieġ biex wieħed jikseb id-dritt li jirċievi benefiċċju partikolari.

Fil-każ tal-Pensjoni taż-Żewġ Terzi (jew il-Pensjoni tas-Superstiti li hi bbażata fuq il-prinċipji u l-mekkaniżmi tal-Pensjoni taż-Żewġ Terzi), il-medja minima hi ta' 15-il kontribuzzjoni imħallsin jew akkreditati fis-sena, waqt li l-medja massima hija ta' 50.

Il-mod kif isir it-test tal-kontribuzzjonijiet u kif tiġi stabbilita l-medja tal-kontribuzzjonijiet imħallsin jew akkreditati ivarja skont meta l-persuna tkun twieldet kif hu spjegat aktar 'l isfel. Dan, parzjalment, huwa riżultat tar-riforma tal-pensjonijiet li kont tkellimt dwarha xi ġimgħat ilu.

**Meta twelidt?** Qabel l-1952.

**Perjodu kopert:** 30 sena li jibdew jgħoddu mis-sena li fiha l-persuna tagħlaq 19-il sena u jinkludu l-aħħar għaxar snin kollha ta' qabel l-irtirar.

**Kif tinħadem il-medja?**

(i) Jingħaddu l-kontribuzzjonijiet fl-aħħar għaxar snin sħaħ qabel l-irtirar u tinħadem il-medja tagħhom.

(ii) Jingħadd l-ogħla ammont ta' kontribuzzjonijiet f'perjodu ta' 20 sena (li ma jinkludix l-aħħar għaxar snin qabel l-irtirar) u tinħadem il-medja.

(iii) tinħadem il-medja taż-żewġ medji.

**Eżempju:** (i) Persuna ħadmet dejjem minn meta għalqet 18-il sena:

a. Fl-aħħar għaxar snin se tkun ħallset 522 kontribuzzjoni mela l-medja hi 522/10 = 52.2.

b. Fil-perjodu ta' qabel se tkun ħallset mill-anqas 1044 kontribuzzjoni mela l-medja hi 1044/20 = 52.2.

c. Il-medja taż-żewġ medji hi (52.2 +52.2)/2 = 52.2.

Il-medja massima li persuna għandha bżonn biex ikollha pensjoni sħiħa hi 50.

**Meta twelidt?** Bejn l-1952 u l-1961

**Perjodu kopert:** 35 sena li jibdew jgħoddu mis-sena li fiha l-persuna tagħlaq 19-il sena (18 jekk twieldet wara t-3 ta' April 1958) u li jinkludu l-aħħar għaxar snin kollha ta' qabel l-irtirar.

**Kif tinħadem il-medja?**

(i) Jingħaddu l-kontribuzzjonijiet fl-aħħar għaxar snin sħaħ qabel l-irtirar u tinħadem il-medja tagħhom.

(ii) Jingħadd l-ogħla ammont ta' kontribuzzjonijiet f'perjodu ta' 25 sena (li ma jinkludix l-aħħar għaxar snin qabel l-irtirar) u tinħadem il-medja

(iii) tinħadem il-medja taż-żewġ medji

**Eżempju:** (i) Persuna imwielda fl-1961 ħadmet dejjem minn meta għalqet 18-il sena iżda waqfet bejn meta kellha 26 sena u meta kellha 45 sena. Fil-perjodu li kienet inattiva kienet eżentata milli tħallas il-kontribuzzjoni:

a. Fl-aħħar għaxar snin se tkun ħallset 522 kontribuzzjoni mela l-medja hi 522/10 = 52.2

b. Fil-perjodu ta' qabel se tkun ħallset madwar 883 kontribuzzjoni mela l-medja hi 883/25 = 35.32

c. Il-medja taż-żewġ medji hi (52.2 +35.32)/2 = 43.76

Il-medja massima li persuna għandha bżonn biex ikollha pensjoni sħiħa hi 50. Il-medja minima biex ikollha dritt għal pensjoni hi 15.

**Meta twelidt?** Wara l-1961

**Perjodu kopert:** 40 sena li jibdew jgħoddu mis-sena li fiha l-persuna tagħlaq 18, imma mhux neċessarjament jinkludu l-aħħar għaxar snin ta' qabel l-irtirar.

**Kif tinħadem il-medja?**

Jingħadd l-ogħla ammont ta' kontribuzzjonijiet f'perjodu ta' 40 sena u tinħadem il-medja

**Eżempju:** (i) Persuna ħadmet dejjem minn meta għalqet 18-il sena sa ma kellha 60 sena:

Din il-persuna se tkun ħallset madwar 2086 kontribuzzjoni f'40 sena mela l-medja hi 2086/40 = 52.15

Il-medja massima li persuna għandha bżonn biex ikollha pensjoni sħiħa hi 50.

(ii) Persuna ħadmet bejn meta kellha 18-il sena u meta kellha 28 sena u ma ħadmitx aktar. Minn meta waqfet mix-xogħol kienet eżentata mill-ħlas tal-kontribuzzjoni.

Din il-persuna se tkun ħallset madwar 523 kontribuzzjoni mela l-medja hi 523/40 = 13.07.

Il-medja minima biex ikollha dritt għal pensjoni hi 15.

Kif wieħed jista' jara mill-eżempji li tajt, kemm wieħed jikkontribwixxi matul ħajtu hu importanti ħafna meta wieħed jiġi għall-Pensjoni taż-Żewġ Terzi.

L-eżempji li semmejt jistgħu jkunu diversi, iżda pprovajt insemmi ftit biex wieħed jifhem il-mod kif tinħadem il-medja tal-kontribuzzjonijiet. Dawn l-eżempji pprovajt inżommhom sempliċi




**Kemm wieħed jikkontribwixxi matul ħajtu hu importanti ħafna għal meta jasal għall-Pensjoni taż-Żewġ Terzi**

***IMPORTANTI:** L-informazzjoni f'din ir-rubrika mhix intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan tagħha hu purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt www.msp.gov.mt, tibgħat imejl fl-indirizz social.security@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tad-dipartiment f'Malta u Għawdex jew iċċempel fuq in-numru159.*



# terzi

kemm jista' jkun.

Kif anke spjegajt fil-ġimgħat li għaddew, meta persuna tkun inattiva, tista' tkun intitolata għal kontribuzzjonijiet akkreditati. Dawn fit-test tal-kontribuzzjonijiet jingħaddu qishom imħallsin. Mhux l-istess jista' jingħad għall-eżenzjoni mill-ħlas tal-kontribuzzjoni.

Meta persuna tkun eżentata mill-ħlas tal-kontribuzzjoni, fil-perjodu tal-eżenzjoni ma jkollha l-ebda kontribuzzjoni, la mħallsa u lanqas akkreditata.

## Iż-żewġ terzi

X'effett għandha l-medja tal-kontribuzzjonijiet fuq il-Pensjoni taż-Żewġ Terzi? Fil-prinċipju, il-Pensjoni taż-Żewġ Terzi hi ekwivalenti għal żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli. Hemm numru ta' eċċezzjonijiet fir-rigward tad-dħul pensjonabbli iżda dwar dan nikteb aktar fil-ġimgħat li ġejjin. Għalissa ngħid li l-formula wżata biex tiġi kkalkulata l-Pensjoni taż-Żewġ Terzi hi din:

(Il-medja tal-Kontribuzzjonijiet/50) x (2/3) x id-Dħul Pensjonabbli.

Mela, biex nimxu mal-eżempji tat-tabella, jekk il-medja tal-kontribuzzjonijiet ta' persuna hi 50 jew aktar, dan ifisser li din il-persuna se jkollha l-pensjoni sħiħa ta' żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tagħha. Dan minħabba li s-somma 50/50 x 2/3 tagħtik riżultat ta' 2/3 jew 0.66666.

Iżda jekk il-medja tal-kontribuzzjonijiet ta' persuna hi anqas minn 50, eżempju 43.76, dan ifisser li din il-persuna mhux se jkollha l-pensjoni sħiħa ta' żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tagħha. Dan minħabba li s-somma 43.76/50 x 2/3 tagħtik riżultat ta' 0.58346. Din allura titħallas Pensjoni taż-Żewġ Terzi, iżda b'rata mnaqqsa meta tipparagunaha ma' persuna li għandha medja ta' 50 jew aktar.

Agħar minn hekk, jekk il-medja tal-kontribuzzjonijiet tkun anqas minn 15, eżempju 13.07, il-persuna ma jkollha l-ebda dritt għall-Pensjoni taż-Żewġ Terzi.

Darb'oħra nitkellem dwar id-Dħul pensjonabbli u kif dan jiġi kkalkulat. U nużaw l-istess eżempji tal-lum biex imbagħad nikkalkulaw kemm titħallas pensjoni f'każi bħal dawn.



**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

■ Issa ngħaddi għall-mistoqsija li rċevejt mingħandkom il-qarrejja.

John Grech mill-Imsida staqsa: "Meta wieħed jasal għall-età tal-pensjoni għandu bżonn japplika għall-pensjoni? Jekk iva kif jista' japplika?"

Bħas-soltu, nirringrazzja lil kull min jibgħatilna xi mistoqsija bħalma għamel is-Sur Grech. Din hi mistoqsija sempliċi imma importanti ħafna.

Kif inhu stipulat fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318), kull min irid jagħmel talba għal kwalunke benefiċċju imħallas taħt dan l-Att irid jagħmel dan fuq il-formola uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u fi żmien stipulat. Għalhekk ħadd m'għandu dritt awtomatiku għal xi benefiċċju, inkluż il-pensjoni, jekk ma jagħmilx talba uffiċjali.

Mela anke fil-każ tal-pensjoni tal-irtirar, il-persuna trid tapplika fuq il-formola uffiċjali u sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data li fiha l-persuna tilħaq l-età tal-irtirar. Jekk it-talba ssir wara l-iskadenza ta' dawn is-sitt xhur, id-dritt għall-pensjoni jibda jgħodd minn meta tkun saret it-talba u mhux minn meta l-persuna tkun laħqet l-età tal-irtirar.

Biex wieħed japplika, jista' jagħmel dan billi jew (i) jimla' l-formola li jirċievi d-dar u jibgħatha bil-posta, jew (ii) jimla' l-formola li jirċievi d-dar u jmur biha f'xi wieħed mill-Uffiċċji Distrettwali tad-Dipartiment, jew (iii) iniżżel il-formola mill-websajt tad-Dipartiment u jibgħatha bil-posta, inkella (iv) imur f'xi wieħed mill-Uffiċċji Distrettwali tad-Dipartiment u japplika minn hemm.

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

***Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont, A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000***

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fl-indirizz **ittri@unionprint.com.mt**. Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġenerali, mhux każi privati jew personali.*